# Anness A

| | |
|---|---|
| **Ministeru** | Ministeru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni (MEYR) |
| **L-impjieg** | Psychology Assistant |

MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI, L-ISPORT, IŻ-ŻGĦAŻAGĦ, IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI

TRIQ L-ASSEDJU L-KBIR, FURJANA, MALTA

**Dmirijiet u responsabbiltajiet**

3.1. Id-dmirijiet ta' Psychology Assistant jinkludu:

i. jgħin lit-tfal u liż-żgħażagħ kemm fil-mainstream kif ukoll f'ambjenti speċjalizzati li jkunu qed jesperjenzaw diffikultajiet fit-tagħlim u l-iżvilupp tagħhom, biex hekk jassistihom ħalli jiksbu l-aqwa benefiċċju mill-Edukazzjoni;

ii. jaħdem b'kollaborazzjoni mill-qrib mal-professjonisti edukattivi psikosoċjali li jaħdmu fi ħdan il-Kulleġġ, mad-Direttorat ta' Servizzi Nazzjonali ta' Sapport għall-Iskejjel (DNSSS) u ma' professjonisti oħra li jaħdmu f'dipartimenti oħra tal-gvern kif ukoll f'aġenziji mhux governattivi biex b'hekk jiżgura l-aħjar użu tar-riżorsi għall-ġid tal-klijenti tiegħu;

iii. jassigura li r-rekords u s-sistemi ta' lloggjar dwar l-interventi kollha mal-istudenti jinżammu sew filwaqt li jiggarantixxi li l-kunfidenzjalità tinżamm dejjem skont il-provvisti legali eżistenti;

iv. tingħata l-għajnuna lill-istudenti fl-ambjenti edukattivi tagħhom;

v. jkun accountable għall-Managing Psychologist, għall-Assistent Direttur Servizzi Edukattivi Psiko-Soċjali u għad-Direttur NSSS;

vi. kwalunkwe kompitu ieħor li s-superjur jista' jiddelega lilu/ha, kif jista' jkun meħtieġ; u

vii. kwalunkwe dmir ieħor hekk kif ordnat mis-Segretarju Permanenti Ewlieni.

3.2 Persuna fil-grad ta' Psychology Assistant tkun mitluba li tassisti lill-Psikologu fit-twettiq tad-dmirijiet kollha msemmija hawn fuq u dawk imsemmija fil-deskrizzjoni tax-xogħol atteċċjata waqt li tkun taħt is-superviżjoni ta' Psikologu warranted.

3.3 Deskrizzjoni dettaljata tax-xogħol għall-post ta' Psychology Assistant tista' tinkiseb mis-sit elettroniku: https://education.gov.mt/en/Pages/vacancies.aspx.

3.4 Persuna fil-grad ta' Psychology Assistant hi mistennija li tuża l-vettura tagħha għax-xogħol. Hi tkun intitolata għall-allowance stipulat approvat.

3.5 In-natura tax-xogħol ta' Psychology Assistant tirrikjedi l-applikazzjoni ta' pattern ta' xogħol flessibli ċċentrat madwar il-ħtiġijiet tal-proġett / servizz.

3.6 Persuna fil-grad ta' Psychology Assistant hija mistennija li ssegwu korsijiet ta' induction u taħriġ li l-awtoritajiet edukattivi jħossu li huma neċessarji inkluż korsijiet biex wieħed ikun eliġibbli biex japplika għall-warrant ħalli jkun jista' jipprattika bħala psikologu f'Malta.

3.7 Il-persuna magħżula tista' tkun meħtieġa li taqdi dmirijiet ukoll f'Għawdex.

# Annex A

| | |
|---|---|
| **Ministry** | Ministry for Education, Sport, Youth, Research and Innovation (MEYR) |
| **Job title** | Psychology Assistant |

MINISTRY FOR EDUCATION, SPORT, YOUTH,
RESEARCH AND INNOVATION

GREAT SIEGE ROAD, FLORIANA, MALTA

**Duties and responsibilities**

3.1. The duties of a Psychology Assistant include:

i. to support children and young people in both mainstream and specialised settings who are experiencing difficulties in their learning and development, thus assisting them to derive the full benefit of Education;

ii. work in close collaboration with the College Education Psycho-Social team, school management teams, the Directorate of the National School Support Services (DNSSS) and other professionals employed with other government entities and also with non-governmental agencies, thereby ensuring maximum utilisation of resources for the benefit of the students;

iii. ensuring that records and logging systems are well kept and include all interventions carried out with each student while ensuring confidentiality at all times in accordance with existing legal provisions;

iv. support to students in educational settings;

v. being accountable to the Managing Psychologist, the Assistant Director Education Psycho-Social Services and the Director NSSS;

vi. undertake any other tasks, which the superior may delegate to him/her, as may be required; and

vii. any other duties as directed by the Principal Permanent Secretary.

3.2 A Psychology Assistant will be required to assist the Psychologist in the carrying out all the duties above and those mentioned in the attached job description whilst under the supervision of a warranted Psychologist.

3.3 A detailed job description for the post of Psychology Assistant can be obtained from the website: https://education.gov.mt/en/Pages/vacancies.aspx.

3.4 A Psychology Assistant will be expected to use his/her own means of transport for his work. He will be entitled to the appropriate approved allowance.

3.5 The nature of the Senior Psychologists' work requires the application of a flexible working-pattern centred round the needs of the project / service.

3.6 A Psychology Assistant is expected to follow those induction and training courses as the Education Authorities may deem necessary including training courses to become eligible to apply for a warrant in to practice as a psychologist in Malta.

3.7 The selected candidate may also be required to perform duties in Gozo.